VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,352, 5 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 447 tal-2014

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana) (Emenda Nru. 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas biex tiġi permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun fil-Ħarifa għall-Insib tal-Għasafar tal-Għana), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.124

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għall-Għasafar Selvaġġi." għandhom jidħlu l-kliem "għall-Għasafar Selvaġġi:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda kull ċurkett li jintuża darba biss fuq l-għasfur kif approvat għal dak l-iskop mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li ma jintużax mill-persuna bil-liċenza waqt il-perjodu li għalih kienu approvati, għandhom jiġu ritornati lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi skont dawn ir-regolamenti, hekk kif jagħlaq l-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (m) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "il-post tal-insib;" għandhom jidħlu l-kliem "il-post tal-insib:", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-provisos ġodda li ġejjin:

> "Iżda kull ċurkett li jintuża darba biss fuq l-għasfur li ma jintlibisx fuq l-għasfur għandu jiġi ritornat lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hekk kif jingħalaq

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-istaġun għall-insib tal-għasafar tal-għana fil-Ħarifa u mhux aktar tard mid-data stabbilita mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għal dak l-għan:

Iżda wkoll għandu jitħallas dritt ta' ħames euro (€5.00) għal kull ċurkett li ingħata lil persuna bil-liċenza u li ma intlibisx fuq l-għasfur li ġie rrappurtat u li ma jingħatax lura lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;".